MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 416/2004

**AB**
**Vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-attrici zzewget lill-konvenut nhar il-hdax (11) ta’ Mejju tas-sena elfejn u wiehed (2001) kif jirrizulta minn certifikat taz-zwieg li qed jigi hawn anness u markat bhala dokument ittra “A”;

Peress li l-kunsens ta’ l-attrici ghal dan iz-zwieg kien gie miksub bi vjolenza morali jew biza;

Peress li l-kunsens ta’ l-attrici u tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’difett serju ta’ diskrezjoni tal-gudizzju

fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

U peress li l-kunsens ta’ l-attrici u tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ wiehed jew wahda mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

U peress illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini u tenur ta’ l-artikolu 19(1)(a) u/jew (d) u/jew (f) ta’ l-Att XXXVII ta’ l-1975 li jirregola z-zwigijiet;

Jghid ghalhekk, il-konvenut ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti:-

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett fil-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi t-talba attrici ghandha tigi milqugha mhux ghar-ragunijiet imputabbli lilu izda imputabbli lill-istess attrici li ‘ex admissis’ ikkontratt iz-zwieg meta l-kunsens taghha kien ivvizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirjiet essenzjali taghha;

2. Illi l-eccipjent ma kienx ghall-korrenti tal-fatti allegati qabel iz-zwieg u ghaldaqstant m’ghandhomx jigu applikati kontra tieghu ebda sanzjonijiet previsti mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg kuntrattat minnha mal-konvenut fil-11 ta’ Mejju 2001 huwa null fil-ligi peress li l-kunsens taghha kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a][d] u [f] ta’ l-Artikolu 19[1] tal-kap.255.

Minn naha tieghu l-konvenut isostni li huwa minnu li z-zwieg tieghu ma’ l-attrici huwa null, ghar-ragunijiet imputabbli lill-istess attrici bazati fuq it-termini tal-paragrafu [d] fuq citat.

Illi l-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu u taghtihom affidament.

Mill-provi rrizulta li l-partijiet izzewwgu fil-11 ta’ Mejju 2001 wara gherusija twila. Ghalkemm l-attrici riedet thassar l-gherusija ftit taz-zmien qabel iz-zwieg, sabet pressjoni kbira minn naha tal-familjari taghha biex tbiddel id-decizjoni taghha; u di fatti dina cediet ghall-pressjoni u zzewwget lill-konvenut. Mill-bidu nett taz-zwieg beda jidher car li l-attrici kienet imdejjqa hafna fil-hajja matrimonjali li bil-komportament taghha tista’ tghid irrendiet inezistenti. Konsegwentemnet sena u ghaxar xhur wara z-zwieg il-partijiet isseparaw de facto. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Mill-provi mismugha l-Qorti hi tal-fehma li f’ dan il-kaz jikkonfigura l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta’ l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

In tema legali jinghad li kif osservat din il-Qorti fil-kawza *PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.Joseph Sammut noe deciza 9.12.2002*, is-simulazzjoni tiehu l-forma ta’ dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala *colorem habens substantiam vero nullam* li b’ konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun hemm simulazzjoni f’ kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, <u>esternament turi</u> li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b’ <u>att pozittiv tal-volonta’</u> taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi

element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] *[PA Muscat vs B Grech – 14.08.1995; Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996]*

Ghalhekk sabiex l-attrici tirnexxi f' din il-kawzali, jiehtieg li jigi provat sodisfacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, iz-zewg kontendenti, jew parti minnhom, internament kienet qed teskludi b' att posittiv tal-volonta' taghha jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg li huma il-*bonus fidei, il-bonus prolis u l-bonus vitae*, ossia l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta' hajja bazata fuq il-ben essere reciproku, u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

Fil-kaz in disamina jirrizulta car li l-attrici ma rieditx tizzewweg lill-konvenut u, ghalkemm rizultat tal-pressjoni kbira li kienet giet esercitata fuqha mill-genituri taghha, hija esternament ghaddiet ghal cerimonja ta' zwieg, internament u b' att posittiv tal-volonta' taghha hija eskludiet l-obbligazzjonijiet matrimonjali essenjali fuq indikati; tant li ftit wara z-zwieg bdew jinqalaw bejn il-koppja problemi li dghajjfu l-ezistenza tal-hajja matrimojali bejniethom. Il-komportament ta' l-attrici fil-konfront tal-konvenut kien tali li eventwalment wassal ghas-separazzjoni de facto bejniethom rizultat tal-fatt li fir-realta' l-attrici qatt ma riedet li tghix il-hajja konjgali mal-konvenut.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenut jigi dikjarat null minhabba vizzju tal-kunsens matrimonjali da parti taghha fit-termini tal-paragrafu [f].

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-11 ta' Mejju 2001. L-ispejjez kollha jibqghu a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------